

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Frar 2014

li taħtar il-membri tal-Kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

(2014/76/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 255 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Novembru 2013,

Billi:

- (1) Taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi stabbilit kumitat sabiex jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati sabiex jaqdu d-dmirijiet ta' Imhalled u ta' Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali qabel ma l-gvernijiet tal-Istati Membri jagħmlu l-ħatriet (minn hawn il-quddiem il-"kumitat").
- (2) Il-kumitat għandu jikkonsisti minn seba' persuni magħżula minn fost membri preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, membri ta' qrati supremi nazzjonali u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta, li wieħed minnhom għandu jiġi propost mill-Parlament Ewropew.
- (3) Għandu tiġi kkunsidrata kompożizzjoni ekwilibrata tal-kumitat, kemm f'termini ta' bażi ġeografika kif ukoll f'termini tar-rappreżentanza tas-sistemi legali tal-Istati Membri.
- (4) Għalhekk huwa meħtieġ li jinħatru l-membri tal-kumitat u l-President tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għal perijodu ta' erba' snin mill-1 ta' Marzu 2014, dawn li ġejjin huma maħtura membri tal-kumitat previst mill-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea:

Is-Sur Jean-Marc SAUVÉ, President

Is-Sur Luigi BERLINGUER

Is-Sinjura Pauliine KOSKELO

Lord MANCE

Is-Sur Péter PACZOLAY

Is-Sur Christiaan TIMMERMANS

Is-Sur Andreas VOSSKUHLE

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2014.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2014.

*Għall-Kunsill**Il-President*

E. VENIZELOS